## Id-Djalogi ta' de Soldanis

Qabel tibda taqra tajjeb li żżomm f'moħħok li de Soldanis juża dawn it-taqsiriet biex jindika min qed jitkellem:

D. *Domanda*
R. *Risposta*
V. *Visitatrice* jew *Visitatore*
P. *Padrona* jew *Padrone*

Dawn it-taqsiriet huma bit-Taljan għax il-ktieb li kienu se jidhru fih kien miktub bit-Taljan, l-ilsien uffiċjali ta' Malta fi żmienu.

Se ssib żewġ verżjonijiet ta' kull djalogu. Id-djalogi mlewna **bl-aħmar** huma miktuba bl-alfabett ta' de Soldanis, u dawk imlewna **bl-aħdar** huma miktuba bil-Malti Modern.

### 1. Djalogu bejn żewġ bdiewa fuq l-aħbarijiet

*Fi żmien de Soldanis, l-aħbarijiet minn Malta kienu jdumu biex jaslu Għawdex, u l-Għawdxin kien ikollhom jistrieħu fuq min ikun reġa' ġie minn Malta. Minkejja l-qrubija fiżika bejn iż-żewġ gżejjer, l-Għawdxin xorta kienu jħossuhom iżolati.*

*Is-sultan – kif il-Maltin kienu jsejħu lill-Gran Mastru – li jissemma fid-djalogu huwa l-Gran Mastru Pinto.*

*Is-sultana hija xini Tork li marbuta magħha hemm ġrajja interessanti. Dan ix-xini kien qed ibaħħar fl-arċipelagu Grieg u wara li tefa' l-ankra u l-ekwipaġġ Tork niżel minn fuqu, l-ilsiera Nsara li kienu baqgħu fuq ix-xini ħatfuh u salpaw lejn Malta. Meta s-sultan Tork sar jaf, hedded li jaħbat għal Malta jekk ma jroddulux ix-xini. Il-Kavallieri ma ridux jitilquh minn taħt idejhom. Kemm it-Torok u kemm il-Maltin bdew iħejju ruħhom għat-taqbida, sakemm daħal fin-nofs is-sultan ta' Franza u xtara x-xini biex iroddu lit-Tork.*

**D. Sahha Scbini. mnein gei bdi el ghagla?**
R. Alla j atielna. Gei men Malta daluakt.
**D. Ghalhek ent fuk kattek**
R. Sctarali eżied me nies!
**D. entant scienghad men gdid fl-art l-ochra?**
R. Kol min ghandu j esuielu, min ma ghandu scein j esta i sakki el hhas. domdt arba u ghiscrin sigha, ekla uahhda aghmelt, suietli fuk el patakka
**D. min i mur f dar e nies, dejem i mur men tahht. Enti iakau ma konc tafu?**
R. men ghair bsogn ma kontc n-ethharrek men Dari.
**D. ghidli sce smait ghar ruhhek, ghaliesc ahhna hau, kat ma n esemghu Scein.**
R. Elmahht e Sultan donnu uarda t eftahh. Rait e Sultana, u makbar u mesbahh ma hi, ma t challi hhasra, ghaliesc i enghat li t-arga mnein giet. E Sultan ta Franza be flusu i ochodha u i rodha lel sidha. min cha sc-cha! Uara el ferhh n-esmahhom i ghidu li igi el beki. Kem dmia,

kem git, kem nies, kollosc mar f hhakka ta ghain. dauk li dehru Signuri, keghdin jotolbu, kolha ghedhom marru fe Sachta. min mar elsir. min e żeueg, min siefer, u min baka.

**D. Essa ghal fein t egbdelha?**

R. Gha Dar li hi fe nadur

**D. Sc gebt lil martek u l uliedek**

R. U la mara u la ulied ghandi: kighet ma ommi ghgusa. lena f Malta, sci uihhet riet j ochtobli. ma nebża me nesa maltin, i edru sbiehh men barra, ghakar men geua, achiar geld men taghna li nafuhh, men chamsin Bakra maltia.

**D. Saħħa, xbini. Mnejn ġej b'dil-għaġla?**

R. Alla jagħtihielna. Ġej minn Malta dalwaqt.

**D. Għalhekk int fuq qaddek.**

R. X'tarali iżjed minn nies!

**D. Intant, x'jingħad minn ġdid fl-art l-oħra?**

R. Kull min għandu jiswielu, min ma għandu xejn jista' jsaqqi l-ħass. Domt erbgħa u għoxrin siegħa, ikla waħda għamilt, swietli fuq il-patakka.

**D. Min imur f'dar in-nies, dejjem imur minn taħt. Inti jaqaw ma kontx tafu?**

R. Mingħajr bżonn ma kontx nitħarrek minn dari.

**D. Għidli xi smajt, għal ruħek, għaliex aħna hawn qatt ma nisimgħu xejn.**

R. Ilmaħt is-Sultan donnu warda tiftaħ. Rajt is-Sultana, u makbar u misbaħ ma hi, ma tħalli ħasra, għaliex jingħad li terġa' mnejn ġiet. Is-Sultan ta' Franza bi flusu joħodha u jroddha lil sidha. Min ħa x'ħa! Wara l-ferħ nismagħhom jgħidu li jiġi l-biki. Kemm dmija, kemm ġid, kemm nies, kollox mar f'ħakka ta' għajn! Dawk li dehru sinjuri, qegħdin jitolbu, kollha għoddhom marru fis-saħta. Min mar ilsir, min iżżewweġ, min siefer, u min baqa'.

**D. Issa għal fejn tiġbdilha?**

R. Għad-dar li hi fin-Nadur.

**D. X'ġibt lil martek u 'l uliedek?**

R. U la mara u la wlied għandi: qiegħed ma' ommi għaġuża. Jiena f'Malta, xi wieħed ried joħtobli. 'Ma nibża' min-nisa Maltin, jidhru sbieħ minn barra, għakar minn ġewwa. Aħjar ġild minn tagħna li nafuh, minn ħamsin baqra Maltija.

**2. Il-bidwi għaż-żwieġ**

*F'dan id-djalogu nsibu referenza għall-ilbies tan-nisa, bħalma hija l-manta. Fid-dizzjunarju tiegħu, de Soldanis ħallielna miktub li ma kienx hemm mara fil-Belt li ma kinitx tilbisha. Tissemma wkoll l-għonnella, li għad li darba kienet bajda, jew inkella ħadra fl-irħula, maż-żmien, sew fl-irħula u sew fl-ibliet saret sewda. Dwar iż-żarbun, ta' min jgħid li n-nisa tal-klassi l-għolja biss kienu jilbsuh. Dawk ta' klassi baxxa kienu jġorruh f'idhom u jilbsuh biss f'xi okkażjonijiet, bħal meta jidħlu l-knisja jew imorru l-Belt. Il-kumment "mur chudha mel Belt, u ghit li hi tighak martek" jikxef l-indipendenza li kellhom in-nisa Beltin u li kienet nieqsa fin-nisa tal-irħula, attitudni li lil xi rġiel kienet tnaffarhom. Wieħed ma jiskantax bin-nuqqas ta' ħeġġa ta' dan l-għażeb biex jiżżewweġ meta jikkunsidra li fit-tieni nofs tas-seklu tmintax ħafna ma kinux jiżżewġu.*

**D. ma baka żmien ta scein. żuieg Sceuk. e nesa iridu huma i ghamru b fehmethom, i hharsu lein Żeughom, meta i ridu menhom**

R. Iek ne żeueg, men hhabba f hommi ghaliesc saret hhafna u ghakka. ghagla la kat kelli u la ghandi. Chatbuni uesk kat ma tait ueden. Sc naf nehhelsc flachar sci uehhla, men ghair hhsieb. nesmahhom i ghidu li kabel ma i enghakat e zuieg f dina e Digna, ikun maghmul fe Sema arbghin gornata kabel. Kieku ma e ridiesc la żaghżugha u la kbira, la sabihha u la kerha, ghaliesc ma kiekusc e rit nokghot en hharesha, n esctiek en ghammar kif alla jrit. mur chudha mel Belt, u ghit li hi tighak martek, au enkella gib min i akdiha, heilelha e żarbun, maktur lamtat, el manta. f kelma uahhda e ridha tighi uahhdi, ma husc tighi u ta Suk, e ridha tighi, ma husc ien tahha. ma jeniesc żaghżugh ezied sert be snien, u e kem e scaghar ma biediesc ischieb!

**D. Alla jatik scorti taiba, u li e sib mara ghal kalbek, ghaliesc uesk n-ara Li żmien tbeddel. n-eftakar li e nesa dari i morru lepsin bel ghonnella baida ghal fuk, embaghad kienu i gibuha chadra, flachar men net seuda tal Burat, dana e zmien au Stamina au charir. Achdem ja ragel biesc tlebbes el mara!**

R. u ghal hek el ghaks kollomkien. Alla I hennik.

**D. Ma baqa' żmien ta' xejn. Żwieġ xewk. In-nisa jridu huma jamru b'fehmiethom, iħarsu lejn żewġhom, meta jridu minnhom.**

R. Jekk niżżewweġ, minħabba f'ommi għaliex saret ħafna u għakka. Għaġla la qatt kelli u la għandi. Ħatbuni wisq, qatt ma tajt widen. X'naf neħilx fl-aħħar xi weħla, mingħajr ħsieb. Nismagħhom jgħidu li qabel ma jingħaqad iż-żwieġ f'dina d-dinja, ikun magħmul fis-sema erbgħin ġurnata qabel. Kieku ma rridhiex la żagħżugħa u la kbira, la sabiħa u la kerha, għaliex ma kikux irrid noqgħod inħarisha, nixtieq ingħammar kif Alla jrid. Mur ħudha mill-Belt, u għid li hi tiegħek martek, aw inkella ġib min jaqdiha, ħejjilha ż-żarbun, maktur lamtat, il-manta. F'kelma waħda, irridha tiegħi waħdi, ma hux tiegħi u tas-suq, irridha tiegħi, ma hux jien tagħha. Ma iniex żagħżugħ iżjed, sirt bis-snin, u ekemm ix-xagħar ma bediex jixhieb!

**D. Alla jagħtik xorti tajba, u li ssib mara għal qalbek, għaliex wisq nara li ż-żmien tbiddel. Niftakar li n-nisa dari jmorru libsin bil-għonnella bajda għal fuq, imbagħad kienu jġibuha ħadra, fl-aħħar minn nett sewda tal-burat, dana ż-żmien aw stamina aw ħarir. Aħdem, ja raġel, biex tlibbes il-mara!**

R. U għalhekk il-għaks kullimkien. Alla jhennik.

### 3. Bejn żewġ bdiewa fuq ix-xogħol tal-qoton

*Fis-seklu tmintax it-tkabbir tal-qoton kien l-ikbar industrija f'Malta. Il-qoton kien jinżara' għall-aħħar ta' Mejju u jinġabar f'Settembru.*

**D. mnein gei?**

R. me raba tighi.

**D. Kif i mur el koton tighak**

R. ghat ma bdeic en dom. donnu sabihh. El geuz entela. ma ne dauarsc ma n ebda en dom

**D. Dina sena kolhhat j esta i nizzi chair l'alla u jeftachar bihh.**

R. kelna bsogn. ghaliesc bihh jahhtieg en hhalsu lel Sid e raba, n-elbsu u nieklu kem git i gib Dal koton le nies. dari jenżara dak li sarsar, elum j etbejet, kol art t-aghmlu, u ma j entelefsc sceber art. el ghageb kif f sebghain art mkascra j etla tlet escbar u i ghammal el geus. Hhat ma jaf seua kem git t-aghmel l'art taghna. Ftit trap fiha, ma dik li fiha i gib git uesk. min kien j esta jaraha mit sena ilu, dak e zmien kolla blat, ellum kolha moksura, mseuja u mdemna. kol git uihhet jechu menha. Kat jakau t ebka mestriehha? f sena uahhda sci drabi, fein hem elma hia t-aghmel tliet ptan. Kif ma tritc li e raba jaghmel? men haun gei li el kbiela tant ghliet, u e semmen lel Sidhom. min kellu fe zmien chamsin scut tal kbiela e lum ghandu bl ankas mitein. E nies kotrot, el hhueiec ta lbies u ta l-ekel ghleu, u akkal sar el kera. hhniena t alla li n-estghu e nghiscu be hhueigna, u li l'art t-ati kem nieklu e Sena kolha!

**D. Tabelhhak ghasc e Suk bel hhsceiesc u frott memli e sena kolha.**

R. Dina hia barka t Alla.

**D. Mnejn ġej?**

R. Mir-raba' tiegħi.

**D. Kif imur il-qoton tiegħek?**

R. Għad ma bdejtx indomm. Donnu sabiħ. Il-ġewż imtela. Ma niddawwarx ma nibda ndomm.

**D. Dina s-sena kulħadd jista' niżżi ħajr 'l Alla u jiftaħar bih.**

R. Kellna bżonn. Għaliex bih jeħtieġ inħallsu lil sid ir-raba', nilbsu u nieklu. Kemm ġid iġib dal-qoton lin-nies! Dari jinżara' dak li sarsar, illum jitbejjet, kull art tagħmlu, u ma jintilifx xiber art. Il-għaġeb kif f'sebgħin art imqaxxra jitla' tlitt ixbar u jagħmel il-ġewż. Ħadd ma jaf sewwa kemm ġid tagħmel l-art tagħna. Ftit trab fiha, 'ma dik li fiha jġib ġid wisq. Min kien jista' jaraha mitt sena ilu, dak iż-żmien kollha blat, illum kollha miksura, imsewwija u mdemmna. Kull ġid wieħed jieħu minnha. Qatt jaqaw tibqa' mistrieħa? F'sena waħda, xi drabi, fejn hemm ilma hija tagħmel  tliet btan. Kif ma tridx li r-raba' jagħmel? Minn hawn ġej li l-qbiela tant għoliet, u ssemmen lil sidhom. Min kellu fi żmien ħamsin skut tal-qbiela, illum għandu bl-anqas mitejn. In-nies kotrot, il-ħwejjeġ tal-lbies u tal-ikel għolew, u aqqal sar il-kera. Ħniena t'Alla li nistgħu ngħixu bi ħwejjiġna, u li l-art tagħti kemm nieklu s-sena kollha!

**D. Tabilħaqq, għax is-suq bil-ħxejjex u frott mimli s-sena kollha.**

R. Din hija barka t'Alla.

## 4. Fuq iż-żwieġ ta' tifel bidwi

*Fi żmien dan id-djalogu kienet għadha d-drawwa li l-ġenituri jagħżlu lil min kellhom jiżżewġu wliedhom. Dan kien iseħħ biex il-ġenituri jaċċertaw li wliedhom ma jmorrux minn taħt. Meta kien jintlaħaq ftehim bejn il-ġenituri, it-tfajla kienet tibgħat maktur lill-ġuvni u dan kien jibagħtilha żewġ ħutiet, b'ċurkett f'ħalq waħda minnhom. Il-maktur kien jingħata biex ifakkar lill-għarus li issa li ta kelmtu ma jerġax lura minnha: kien simbolu tal-wegħda tiegħu u tal-impenn li daħal għalih. F'każ li xi ġuvni jkun xeħet għajnejh fuq xi tfajla, kien jitqabbad il-ħuttab. Iżda anki f'dan il-każ il-ġenituri tat-tfajla u tal-ġuvni kienu jiltaqgħu qabel ma jiltaqgħu wliedhom u jfittxu li jitkixxfu fuq min se jissieħeb f'familthom.*

**D. Geit ghandek scbini, ghandi en kelmek iek ma entis mescghul.**

R. Ghaddi u merhhba bik, u okghod.

**D. Kif t mur el mghalma?**

R. Emmenni konna geijn fl emkien, li konna n-afu li ensibuk battal kieku geina

**D. Darbochra gibha mighak, u e Tfal kif i morru**

R. Taibin, huma el chtia li jena geit. ghandi Kuzza li tfarfret, kighet n-ahhsep ghaliha biesc en zeugha. Scein ma n-af el min niechodelha. Hia donna charufa fe Dar, biezla kem ghascra, ma el frot la isir trit t aktghu. kauja phhal Bakra.

**D. Ien nafha, donna tepka ta Uarda. Lel min trit tochdelha, min chatabilek?**

R. en nghidlek e seua, katihh chatbuha. Iena kif rasi marfugha biha, ma kiekusc e rit n-ati el ueden, sehhepti donna raddiena t enzonzognani biesc en zeuegha, ghaliesc hem l-ochrain ghadhom geijn, u koglium keghdin jakbżu. Fmin n-akbat ma nafsc Chatab uihhet malti, ichor men haun ara ftit sctghidli?

**D. Sciaghmlu daun el ghożżieb**

R. El malti i ghiduli li hu fuk Kattu. scnaf husc men dauk li men hhanut ietchol, u mnichor jochroc. e lum l embit, u loghob tal karti kolhhat iafhom. ma rit kieku Li techel la ma laghghab u la ma sci Scarrab, ghaliesc hhueigi i morru fel chala. Dak ta haun embaghat ent u jena nafuhh. Ghaseb ghadu zaghzugh, li ma kiensc i hhob e tverna, fein fiha kol tant j elghab el morra o gha tin o ghal Embit, u la mi kiensc uesk drabi jaghmel leilu e nharu kieku ma jeniesc n ahhseb

**D. U ghidli e lum fein i sibu dak el ghazeb, men ghair emma. ahhna konna phhalu u zghazahh u ghożżieb ghal hek pkaina. Ghazeb jahhseb ta ghazeb, mezzeueg ta mezzeueg. Gei me nies Li t-esua, ghandu el git u ghandu el hhila. Usalna fe zmien li ma hemsc fein techtar. e zuieg phhal kara tuil uahhda tuila ochra mghauga, u phhal el chiar uahhda hhelua u ochra morra. mur rot e salib ghal ueccek, ghit el sehhebtek, sejahh el hhottab u fettesc orbot atihh el maktur u el chatem kabel ma j dejak kalbu u i mur scemkien ichor, u tebka phhal scems f nosenhar.**

R. ma kiekusc tghit hhazin, ma kabel Sanguan li en dachal e tgham, u en semmen el majal el mara ma tchallinisc, ghaliesc trit ukol t hhehilha el mehba. ghandna ragun ma neferhhusc bel Bniet meta i siru phhal be Subien. Seira t-achlini u t nazza dari

**D. Kellek t ahhseb kabel, martna ma ghamlusc hek, hek i aghmlulna uliedna.**

R. meta hhak dini enkunu zghażagh phhal zghazagh nahhsbua. Alla i hennik.

**D. Ġejt għandek, xbini, għandi nkellmek jekk ma intix mexgħul.**

R. Għaddi u merħba bik, u oqgħod.

**D. Kif tmur il-mgħallma?**

R. Emminni, konna ġejjin flimkien, li konna nafu li nsibuk battal kieku ġejna.

**D. Darb'oħra ġibha miegħek, u t-tfal kif imorru?**

R. Tajbin, huma l-ħtija li jiena ġejt. Għandi Kuzza li tfarfret, qiegħed naħseb għaliha biex inżewwiġha. Xejn ma naf 'il min noħdilha. Hija donnha ħarufa fid-dar, bieżla kemm għaxra, 'ma l-frott la jsir trid taqtgħu. Qawwija bħal baqra.

**D. Jien nafha, donnha tebqa ta' warda. Lil min trid toħdilha, min ħatabhielek?**

R. Ngħidlek is-sewwa, qatigħ ħatbuha. Jiena kif rasi merfugħa biha, ma kikux irrid nagħti l-widen, seħibti donnha raddiena tiżżonżonjani biex inżewwiġha, għaliex hemm l-oħrajn

għadhom ġejjin, u kuljum qegħdin jaqbżu. F'min naqbad ma nafx. Ħatab wieħed Malti, ieħor minn hawn. Ara ftit x'tgħidli?

**D. X'jagħmlu dawn il-għożżieb?**

R. Il-Malti jgħiduli li hu fuq qaddu. X'naf hux minn dawk li minn ħanut jidħol, u mn'ieħor joħroġ. Illum l-inbid, u l-logħob tal-karti kulħadd jafhom. Ma rrid kieku li teħel la ma' lagħab u la ma' xi xarrab, għaliex ħwejġi jmorru fil-ħala. Dak ta' hawn, imbagħad, int u jiena nafuh. Għażeb għadu żagħżugħ, li ma kienx iħobb id-dverna, fejn fiha kultant jilgħab il-morra o għat-tin o għall-inbid, u li ma kienx wisq drabi jagħmel lejlu u nharu kieku ma iniex naħseb.

**D. U għidli llum fejn issibu dak il-għażeb, mingħajr imma. Aħna konna bħalu u żgħażagħ u għożżieb għalhekk bqajna. Għażeb jaħseb ta' għażeb, miżżewweġ ta' miżżewweġ. Ġej min-nies li tiswa, għandu l-ġid u għandu l-ħila. Usalna fi żmien li ma hemmx fejn tiħtar. Iż-żwieġ bħall-qara' twil, waħda twila, oħra mgħawġa, u bħall-ħjar, waħda ħelwa u oħra morra. Mur rodd is-salib għal wiċċek, għid 'il seħibtek, sejjaħ il-ħuttab u fittex orbot, agħtih il-maktur u l-ħatem qabel ma jdejjaq qalbu u jmur xi mkien ieħor, u tibqa' bħal xemx f'nofsinhar.**

R. Ma kikux tgħid ħażin, 'ma qabel San Ġwann li ndaħħal it-tgħam, u nsemmen il-majjal, il-mara ma tħallinix, għaliex trid ukoll tħejjilha l-meħba. Għandna raġun ma nifirħux bil-bniet meta jsiru bħal bis-subien. Sejra taħlini u tneżża' dari.

**D. Kellek taħseb qabel, martna ma għamlux hekk, hekk jagħmlulna wliedna.**

R. Meta, ħaqq dini, inkunu żgħażagħ bħal żgħażagħ naħsbuha. Alla jhennik.

## 5. Bejn kaċċatur u bidwi

*Il-kaċċa tal-fenek kienet issir biex missirijietna jgħaddu daqsxejn ta' żmien, jaqilgħu x'jieklu u fl-istess waqt jipproteġu l-uċuħ tar-raba'. Għalkemm kienu joqtlu ħafna fniek, Malta qatt ma naqsu.*

*Interessanti r-referenza għad-djalett Naxxari li nsibu fil-bidu tad-djalogu. Fil-grammatika, de Soldanis jgħid li għalkemm Malta żgħira, id-djaletti tal-irħula jingħażlu minn xulxin.*

**D. O scbini ghal fein tegbdelha?**

R. ghal Rahhli

**D. Fein ent mnessel?**

R. me nasciar

**D. chseptu men kliemek**

R. Hei ma husc ta ftit. Ent ghal fein bdaun el kliep u bdauna e nies

**D. Sejer ghal fenek, u ghandi e nemes biesc e nemmeshom**

R. Geit f-uak taieb, essa smait li ghadha uihhet phhalek kacciatur li cha fuk el chamsin. mur e nahha tal kbur el'hhut egbet ghal mellihha, u gha Torri l'ahhmar li essib.

**D. Tghit challa scein u raihh**

R. El mit kaddis. kat j entem dana e nesel chala kol ma Sap fuec l'art, ghat li dali dali i oktlu u jechdu. El kzira taghna jek t-aghmel tajeb el kont bein uahhda u ochra i enkatlu elf fenek koglium. ma tmursc ghal Liebri u ghal hhagel dak ekel?

**D. Li kienu jenkabdu dauna kieku enchleu men di l'art. tritc t-escrob? Escrob men ghair elma, tritc el kargha?**

R. Alla j atina e Sahha. ma ritc ezied ghaliesc i chauadli mochi.

**D. en Sibusc elma gha Scorb dik e nahha?**

R. Akla sctiekol. Sctescrob e sib e nescighat li j eskuk.

**D. Hemsc kacciaturi ochra kabli**

R. U ghasc hem t ebża li ma essipsc? mur mur. U jek ent u ghaddei t challili sci uihhet af, li n-af nieklu.

**D. ghaliesc le. tritc sce hhagochra?**

R. Alla i kauik. mur be sliema!

**D. O xbini, għal fejn tiġbdilha?**

R. Għal raħli.

**D. Fejn int imnissel?**

R.Min-Naxxar.

**D. Ħsibtu minn kliemek.**

R. Ħej, ma hux ta' ftit. Int għal fejn b'dawn il-klieb u b'dawna n-nies?

**D. Sejjer għall-fenek, u għandi n-nemes biex innemmishom.**

R. Ġejt f'waqt tajjeb, issa smajt li għadda wieħed bħalek kaċċatur li ħa fuq il-ħamsin. Mur in-naħa tal-Qbur il-Lhud, iġbed għall-Mellieħa, u għat-Torri l-Aħmar li ssib.

**D. Tgħid ħalla xejn urajh?**

R. Il-mitt qaddis! Qatt jintemm dana n-nisel? Ħela kulma sab f'wiċċ l-art, għad li dali dali joqtlu u jieħdu. Il-gżira tagħna, jekk tagħmel tajjeb il-kont, bejn waħda u oħra jinqatlu elf fenek kuljum. Ma tmurx għal-liebri u għall-ħaġel? Dak ikel!

**D. Li kienu jinqabdu dawna kieku nħlew minn dil-art. Tridx tixrob? Ixrob mingħajr ilma, tridx il-qargħa?**

R. Alla jagħtina s-saħħa. Ma rridx iżjed għaliex iħawwadli moħħi.

**D. Insibux ilma għax-xorb dik in-naħa?**

R. Aqla' x'tiekol. X'tixrob issib in-nixxigħat li jisquk.

**D. Hemmx kaċċaturi oħra qabli?**

R. U għax hemm tibża' li ma ssibx? Mur, mur. U jekk int u għaddej tħallili xi wieħed, afli naf nieklu.

**D. Għaliex le! Tridx xi ħaġ'oħra?**

R. Alla jqawwik! Mur bis-sliema!

**6. Kumplimenti bejn in-nisa puliti meta jagħmlu żjara.**

*Iż-żjarat bejn in-nisa tal-klassi l-għolja kienu komuni ħafna fis-seklu tmintax. Ġeneralment dawn in-nisa kien ikollhom l-ilsiera tagħhom, aktarx Misilmin jew Afrikani. Id-diskors tan-nisa waqa' fuq it-Torok. Għad li l-Assedju l-Kbir kien ilu mitejn sena li għadda, il-biża' mit-Torok kien għadu jinħass. Dan kien dovut għal ġrajja li seħħet fl-1760 u li de Soldanis semma diġà fl-ewwel djalogu.*

*Il-belt il-ġdida li tissemma hija l-Forti Chambray, li nbniet fuq l-għolja ta' Ras it-Tafal, Għawdex. Is-swar tlestew fl-1761 iżda l-bini residenzjali baqa' ma nbeniex.*

*Għalkemm fid-djalogu ma jissemmiex li n-nisa tal-klassi l-għolja kienu jieħdu x-xogħol tal-idejn magħhom meta jiltaqgħu, jidher li kienu jmiddu jdejhom għax-xogħol, kif jidher mis-sentenza: "Hu kif enhu achiar el maghżel mel azzarin."*

**V. Sahha e Siġnuria Tighak**

P. Sahha lilek Siġnura, merhha bik, u lel min mighak

Fatma chudelha el Mant, u el ghonnella

*Daluakt Siġnura. Eia Siġnura Sitti, ati fideja el mant, jena netuihh. Gib haun el Ghonella biesc narfahha mal mant*

**V. Essa n-af fein jena, ghrekt uesk sa ma usalt, ghaliesc barra hemma el ghomma uesk. Emmenni ma flahhc nasal.**

P. Nemnek ghasc ahhna haun mahhkurin be Scems, u el ghomma ma t onkosniesc.

Striehh, hem e Siggiet, okghot, challi n-estghallek ftit

**V. n-af en ghidlek Li jena ghandi bsoġn**

P. Chu l'ichor ghasc dak ghali ghalik

**V. Kif trit, hhdeik n-okghot brihhet hek**

P. ma n-estasc n-aghmel kif e rit, f kol uahhda e rit enkun jena, ghandi Ġhaisca jek ma en negkieżesc, ma t ethhareksc

**V. Scein ma n estaghgeb, ghasc Tighi aghar menha**

P. Chu l-engazzata u escrobha

**V. ma en hhobsc ta Limunata, niechu men ta Leus**

P. Scinhu li jenghad barra men gdid?

**V. Dana e żmien e nies ma j etkelmusc hhlief fuk el megia ta Torok.**

P. Tghid dal vieg, o dina e darba igu?

ma n-estasc nemmen kat li igu. Stambur uesk bghid men Malta. E Salib bażżieghi. kat ma ghamlu el prova meta chaduha maghna. Iafu e Torok kem dem carcru f dina l-art. Iestghu jaghmlulna e Deni, akbar ikun tahhom. Ahhna nesa li ma nestghusc en gibu l'armi i kolna en batu. Alla jaf fein ikolna n-enghalku. El ghalka ghalina huma e Torok. E Rgiel balla jesemghu u jarau, ahhna mghakes nesa n esemghu u ma narausc.

**V. Hek hu. E tbatia kolha hi ghal nesa.**

**Hu kif enhu achiar el maghżel mel azzarin.**

**I kun kif alla i rit**

P. Scein ma t ebża. E Slaten kolha maghna. el gran Tork j ahhseb u jara scinhu sejer jaghmel. Kolhhat cha l'Azzarin. e Suar mdaurin bel kannuni. e Sctut ezied u eżied. Ghaudesc kellet bel Belt gdida. Sa Kemmuna memlia bel Bronz u hhadid. Ien ma nemmensc li e Tork igi, ma ghandi fidi f Alla u f San Paul, li iek igi, i eftakar u ma i eftacharsc.

**V. Hek hu. El Papa baghat ukol arba Scuieni, zeug Pinkotti, u mahhom kol git ghal malta, u kol ma hem bsogn kontra el ghadu.**

**Ochti seira e mur. Uasal el hhin. Fatma neuelli el Ghonnella u el mant, biesc e mur.**

P. Ghala hek fisa!

**V. Iedherlek fisa! Ɖallam.**

P. Sctebża, hem e ɖaul tal kamar

**V. En ghidlek. Uara l'ekel Żeugi irit e Leila phhal ma dari, imur idur daura, u n-ahhtieg en kun mighu, u e mur ghat li jena ghajena, ghasc biesc enghidha f-uahhda ma n-hhallisc**

**uahhdu, l'eżied ghasc be Leil. Ma daun e Rgiel trit t okghod mahhom be scemgha t escghel.**

P. Tetkellem ma min hu mgarrab

Fatma Lebbesha. Seuilha el ghonnella. Keghedelha el pez f nofs gbinha.

*Daluakt Siġnura. Seiehh el Ghaisca biesc Tghinni.*

Ma t-afsc kem j ratba

*Kollosc hhlest*

**V. Siġnura ruhhi en hhallilek e leil tajeb.**

P. Buona sira. Alla igi mighak. Selli uesk gha Siġnur. Teddauarsc ma targa biesc t okghot. Darb-ochra eja ezied kmieni.

**V. n-aghmel e dmir tighi biesc n-igi. Addiu.**

**V. Saħħa s-sinjurija tiegħek.**

P. Saħħa lilek, sinjura, merħa bik, u lil min miegħek.

Fatma, ħudilha l-mant, u l-għonnella.

*Dalwaqt, sinjura. Ejja, sinjura sidti, agħti f'idejja l-mant, jiena nitwih. Ġib hawn il-għonnella biex nerfagħha mal-mant.*

**V. Issa naf fejn jiena, għeriqt wisq sa ma wsalt, għaliex barra hemma l-għomma wisq. Emminni, ma flaħtx nasal.**

P. Nemmnek għax aħna hawn maħqurin bix-xemx, u l-għomma ma tonqosniex.

Strieħ, hemm is-siġġijiet, oqgħod, ħalli nistgħallek ftit.

**V. Naf ingħidlek li jiena għandi bżonn.**

P. Ħu l-ieħor għax dak għoli għalik.

**V. Kif trid, ħdejk noqgħod b'riħet hekk.**

P. Ma nistax nagħmel kif irrid, f'kull waħda rrid inkun jiena, għandi Għajxa jekk ma nniggiżhiex, ma titħarrikx.

**V. Xejn ma nistagħġeb, għax tiegħi agħar minnha.**

P. Ħu l-inġazzata u ixrobha.

**V. Ma nħobbx tal-luminata, nieħu minn tal-lewż.**

P. X'inhu li jingħad barra minn ġdid?

**V. Dana ż-żmien in-nies ma jitkellmux ħlief fuq il-miġja tat-Torok.**

P. Tgħid dal-vjeġġ, o dina d-darba jiġu?

Ma nistax nemmen qatt li jiġu. Stambur wisq bgħid minn Malta. Is-Salib beżżiegħi. Qatt ma għamlu l-prova meta ħaduha magħna. Jafu t-Torok kemm demm ċarċru f'dina l-art. Jistgħu jagħmlulna d-deni, akbar ikun tagħhom. Aħna n-nisa li ma nistgħux inġibu l-armi jkollna nbatu. Alla jaf fejn ikollna ningħalqu. Il-għalqa għalina huma t-Torok. Ir-rġiel, balla jisimgħu u jaraw, aħna magħkes nisa nisimgħu u ma narawx.

**V. Hekk hu. It-tbatija kollha hi għan-nisa.**

**Hu kif inhu, aħjar il-magħżel mill-azzarin.**

**Ikun kif Alla jrid.**

P. Xejn ma tibża'. Is-slaten kollha magħna. Il-Gran Tork jaħseb u jara x'inhu sejjer jagħmel. Kulħadd ħa l-azzarin. Is-swar imdawrin bil-kanuni. Ix-xtut iżjed u iżjed. Għawdex qallet bil-belt ġdida. Sa Kemmuna mimlija bil-bronż u ħadid. Jien ma nemminx li t-Tork jiġi, 'ma għandi fidi f'Alla u f'San Pawl, li jekk jiġi, jiftakar u ma jiftaħarx.

**V. Hekk hu. Il-Papa bagħat ukoll erba' xwieni, żewġ pinkotti, u magħhom kull ġid għal Malta, u kulma hemm bżonn kontra l-għadu.**
**Oħti, sejra mmur. Wasal il-ħin. Fatma, newwilli l-għonnella u l-mant, biex immur.**
P. Għala hekk fisa?
**V. Jidhirlek fisa? Dallam.**
P. X'tibża'? Hemm id-dawl tal-qamar.
**V. Ingħidlek. Wara l-ikel żewġi jrid illejla bħalma dari, imur idur dawra, u neħtieġ inkun miegħu, u mmur għad li jiena għajjiena, għax biex ingħidha f'waħda ma nħallix waħdu, l-iżjed għax billejl. Ma' dawn ir-rġiel trid toqgħod magħhom bix-xemgħa tixgħel.**
P. Titkellem ma' min hu mġarrab.
Fatma, libbisha. Sewwilha l-għonnella. Qegħdilha l-pezz f'nofs ġbinha.
*Dalwaqt, sinjura. Sejjaħ 'il Għajxa biex tgħinni.*
Ma tafx kemm hi ratba.
*Kollox ħlist.*
**V. Sinjura ruħi, inħallilek il-lejl it-tajjeb.**
P. Bwonasira. Alla jiġi miegħek. Selli wisq għas-sinjur. Tiddawwarx ma terġa' biex toqgħod. Darb'oħra ejja iżjed kmieni.
**V. Nagħmel id-dmir tiegħi biex niġi. Addiju.**

**7. Kumplimenti bejn nisa bdiewa meta jżuru lil xulxin.**

*Għad li anki n-nisa bdiewa kienu jżuru lil xulxin, iż-żjarat tagħhom kienu jkunu inqas frekwenti minn dawk tan-nisa tal-klassi l-għolja, kif jidher mill-kumment: "min irit i ghisc b-idu, ma j estasc i mur i żur." In-nisa bdiewa kienu jkunu impenjati mhux biss bit-trobbija ta' wliedhom, ix-xogħol tad-dar u r-rutina ta' kuljum, imma kienu jikkontribwixxu wkoll għad-dħul ekonomiku ta' familthom. Minn xogħol għal ieħor ma tantx kien ikollhom ħin għall-mistrieħ. Għalhekk ma jistax jonqos li anki meta kienu jżuru lil xulxin kienu jieħdu x-xogħol tal-idejn magħhom. B'hekk kienu jsieħbu x-xogħol mar-rikreazzjoni.*

V. Sahha Scbent
**P. Ghaddi Scbent. merhhba bik. Dina bentek. merhhba bik u biha. Kem i sbeihha.**
V. Benti, chlieka t Alla.
**P. Scesemha.**
V. Kella.
**P. Kem el sena ghandha**
V. Fe Tnasc
**P. Hia saret f dakka uahhda Scebba**
V. Dina e Żerrigha Scbent t-oghla uesk. Felli taraha ckeikna, felli taraha kbira. El Hhascisca hhażina dejem fuk el hhascisc taieb t-akbes
**P. Gebc e scoghol mighak, biesc nokoghdu kaghda, ghasc ili n-esctiekek. Dina e darba ilek ma t-igi e żurni, ghat li iena geit tant Drabi. E Ragel jachdem barra, okghot kem jogh-gbok**
V. Gebt e Tajar gha Raddiena. U Kella giebet el maghżel. Bhek en ghiscu.
Gebt el kalzetta.
Gebt el chiata.

Gebt el mchadda ghal bizzilla
Gebt e tajar ghal Brieret
**P. ma husc ta ftit li gebt mighak e scoghol, Brihhet hek t-okghot sa flaghscia**
V. Emmenni, ili geja tmien Tiem; ma scinhu? essa phhaga, essa b-ochra, kat ma stait. min ghandu e Tfal ma j estasc j ethharrek. min irit i ghisc b-idu, ma j estasc i mur i żur.
**P. Cha e Raddiena, cha el kep, Seuja ghal kalbek**
V. Keghdin i chaptulek el Bieb
Tghit min giè?
**P. Sci Gara, min i rit i kun ichor!**
**Diechla hia, ma ghettleksc el Gara tighi!**
**Merhha bik, geit fel uakt, biesc n-okoghdu n ethhattuha, u briehhet hek n-achdmu eżied.**
*Iliesc haun Scbentna.*
**Kem kaghdet hia u Bentha**
*ma husc ta ftit Li ergaina eltkaina*
V. Okghod hhdeja.
*Kif trit. Husc hauna.*
V. Iua.
Kif dghaddiha dana e żmien
Kaila tajeb, niżu Chair l'Alla.
**P. Kolhhat Bsci salib.**
V. ma tighi kbir uesk, ghasc ghandi e Ragel mkareb uesk, u Tfal sachta hhaja.
**P. e Żmien dbeddel, u kall uesk. n-eftakar fe żmieni li Tfal kienu dejem uara messeriethom. Ellum kif jorbot el Hhożża i feccuhh u ma i Sibuhh, ghaliesc i rit iaghmelha ta Ragel kabel ma i kun tefel. u aghar saru e scebbiet. Fein e sibhom fe Tuieki, fle Buieb, fel Biut. Iarau kif i aghmlu biesc iesebhhu. I kun ghad Alla ma rahomsc, ghaineihom fuk el ghożżieb biesc i żeugu.**
V. Seirin e morru. El kliem tajeb, u hhelu phhal e Cerasi, ma el hhin dachlelna.
**P. Seirin kmieni**
**Ghala hek fisa?**
V. Fisa? Bramt sit mraden. E Tefla gebded żeug mocchiet. Embaghad enti t af, ghad errit n-otboch le Ragel u lel Tfal.
**P. morru be Sliema**
V. Alla i hennik.

V. Saħħa, xbint.
**P. Għaddi, xbint. Merħba bik. Dina bintek? Merħba bik u biha. Kemm hi sbejħa.**
V. Binti, ħlieqa t'Alla.
**P. X'jisimha?**
V. Kella.
**P. Kemm-il sena għandha?**
V. Fit-tnax.
**P. Hija saret f'daqqa waħda xebba.**
V. Dina ż-żerriegħa, xbint, togħla wisq. Filli taraha ċkejkna, filli taraha kbira. Il-ħaxixa ħażina dejjem fuq il-ħaxix tajjeb taqbeż.

**P. Ġibtx ix-xogħol miegħek, biex noqogħdu qagħda, għax ili nixtieqek. Dina d-darba ilek ma tiġi żżurni, għad li jiena ġejt tant drabi. Ir-raġel jaħdem barra, oqgħod kemm jogħġbok.**
V. Ġibt it-tajjar għar-raddiena. U Kella ġiebet il-magħżel. B'hekk ingħixu.
Ġibt il-kalzetta. Ġibt il-ħjata. Ġibt il-mħadda għall-bizzilla. Ġibt it-tajjar għall-brieret.
**P. Ma hux ta' ftit li ġibt miegħek ix-xogħol, b'riħet hekk toqgħod sa flgħaxija.**
V. Emminni, ili ġejja tmint ijiem; 'ma x'inhu? Issa b'ħaġa, issa b'oħra, qatt ma stajt. Min għandu t-tfal ma jistax jitħarrek. Min irid jgħix b'idu, ma jistax imur iżur.
**P. Ħa r-raddiena, ħa l-kebb, sewwiha għal qalbek.**
V. Qegħdin iħabbtulek il-bieb.
Tgħid min ġie?
**P. Xi ġara. Min irid ikun ieħor?**
**Dieħla hija. Ma għedtlekx il-ġara tiegħi!**
**Merħa bik. Ġejt fil-waqt, biex noqogħdu nitħaddtuha, u b'riħet hekk naħdmu iżjed.**
*Ilhiex hawn xbintna?*
**Kemm qagħdet hija u bintha.**
*Ma hux ta' ftit li rġajna ltqajna.*
V. Oqgħod ħdejja.
*Kif trid. Hux hawna?*
V. Iwa.
Kif tgħaddiha dana ż-żmien?
Qajla tajjeb, niżżu ħajr 'l Alla.
**P. Kulħadd b'xi salib.**
V. 'Ma tiegħi kbir wisq, għax għandi r-raġel imqareb wisq, u t-tfal saħta ħajja.
**P. Iż-żmien tbiddel, u qall wisq. Niftakar fi żmieni li t-tfal kienu dejjem wara missirijiethom. Illum kif jorbot il-ħożża, ifittxuh u ma jsibuh, għaliex irid jagħmilha ta' raġel qabel ma jkun tifel. U agħar saru x-xebbiet. Fejn issibhom fit-twieqi, fl-ibwieb, fil-bjut. Jaraw kif jagħmlu biex jissebbħu. Ikun għad Alla ma rahomx, għajnejhom fuq il-għożżieb biex jiżżewġu.**
V. Sejrin immorru. Il-kliem tajjeb, u ħelu bħaċ-ċirasi, 'ma l-ħin daħlilna.
**P. Sejrin kmieni.**
**Għala hekk fisa?**
V. Fisa? Bramt sitt imraden. It-tifla ġibdet żewġ moħħiet. Imbagħad inti taf, għad irrid notboħ lir-raġel u lit-tfal.
**P. Morru bis-sliema.**
V. Alla jhennik.

**8. Kumplimenti tal-vistu.**

*Fl-irħula kienet drawwa li l-irġiel jakkumpanjaw il-katavru ta' qrabathom jew ħbiebhom. Din id-drawwa fl-ibliet kienet inqatgħet. In-nisa kienu jagħmlu sena sħiħa bil-luttu u kienu jagħtu kas ta' min imur jagħtihom l-għomor u min le.*

**V. Alla j otchol maghkom**
**Alla i hennikom**
**Iepka el ghomor lilkom**

P. Alla jatikom e Sahha.
Kif mar u challiena
Kem kien i-af iahhseb ghal Uliedu u ghal Daru. kien ragel taieb, n etmau li mar ghand Alla.

**V. Scein e deiku klubkom, ghasc mar ghand Alla biesc i etolbu ghalikom u ghalina. U ghaliesc Tebku?**

P. Kif ma n-ebkusc? Hhat ma bakghelna. Min kien j ahhseb ghalina hu mar. Dar men ghair Ragel hi Tagen. Hhat ma ghandna eżied li i echu hhsiebna. Hu kien dejem Bakkari, leul jesma koddies fe đlam, embaghat me suk dejem j arga bel Bastas. Scein ma kien jonkosha e Dar, u essa men mondu marat ta kollosc ghanda bsoġn. Narra Alla j seui.

**V. ma j enghalaksc bieb li ma i enfetahhsc ichor. Hhat ma ghandu i mut uara hhat.**

P. Kaila n-esta n-etma, uliedi kolha meżżeuga, elkol ghandhom ghal min iachdmu. Iena Ghgest, hhat ma i hhares leia eżied

**V. e Deiaksc kalbek. el Hhniena t'Alla kbira uesk, kat ma t onkos lel hhat**

P. men ghairu n-esta e mur n-ara scnaghmel

**V. fein jena n-esta, ghidli, haun jena ghalik.**

P. Alla j-atik tant git kem enti t esctiek lel Ochrain

**V. ma n-onksoksc ghaliesc iahhasra Scbini hu u hhai kien i gibni tajeb**

ma n-onksoksc ghaliesc iahhasra kienet Scbenti, u kienet t hhobni uesk.

P. Entem eżda u mar u challiena darba ghala dejem Kien i esua, ken jaf i ahhseb ghal ruhhu. Challieli hhasra kbira. Ahhna ma tanc ahhna ghoġna, ma kolhhat j af li hhat ma hhabbat el bieb u mar b scein, au flus, au chobs. mur essa ghidli n-aghmel phhalu. e Salariu n-akas. mnein en gib essa el flus biesc n-ati. Dak li hu ghamel sab, u jena ghasc scein ma ghmelt scein ma ensib. Hhsept ghal arba craret, la n esta n-elbeshom, u la n-esta natihom. Lachiar Li n-aghmel en biehhom.

**V. Kollosc i ghaddi. Hhat me gè u kaghad maghna, u hekda igri Lilna au e lum au ghada. Scein t biehh. Żom kollosc. El mara kat ma hi Ghgusa hhlief meta Tmut. T-esta meta trid t edher żaghżugha meta trit.**

P. Temmenisc li kien i Semmik f hhaitu

**V. Ghala le, en ghrafna men Żghorna. ma t eftakarsc li kont f ghorskom?**

P. Tfakkarnisc f daka e Żmien. Ili mighu meżżeuga chamsa u ghescrin sena dejem men ghair ghali, eżda scenhu? e żmien ghadha phhal hholma, donni ma żeuesctc, donni kat ma kelli Ragel. Kat ma hhkarni. Iena kont sci drabi n-enkihh, u hu kat ma i etkellem. Sci drabi jaghmlu hhażin e Rgiel i żieghlu bina, ghasc embaghad niechdu e rihh fukhom. Essa kighet n-aghli u ma i esuieli. Essa n ebkihh, u scein ma rodli. Ghandi Surtu koddiem ghaineja. Mardu f mochi ghaliesc kat ma karab, u la kat riedni nesheru. ma kat ma challeitu au be dieher au bel mochbi. miet phhal ghasfur, u la stker, u la kriehh. Alla j atihh el mestriehh, u lilna el ghomor biesc notolbu l'Alla ghalihh.

**V. Iena seira. En challilek el ghomor**

P. Lilek ukol Scbent, Alla i uasslek be sliema

**V. Alla jidħol magħkom! Alla jhennikom! Jibqa' l-għomor lilkom!**

P. Alla jagħtikom is-saħħa! Kif mar u ħalliena! Kemm kien jaf jaħseb għal uliedu u għal daru! Kien raġel tajjeb, nitmgħu li mar għand Alla.

**V. Xejn iddejqu qlubkom, għax mar għand Alla biex jitolbu għalikom u għalina. U għaliex tibku?**

P. Kif ma nibkux? Ħadd ma baqgħalna. Min kien jaħseb għalina hu mar. Dar mingħajr raġel hi taġen. Ħadd ma għandna iżjed li jieħu ħsiebna. Hu kien dejjem bakkari, l-ewwel jisma' quddies fid-dlam, imbagħad mis-suq dejjem jerġa' bil-bastas. Xejn ma kien jonqosha d-dar, u issa minn mindu marad ta' kollox għandha bżonn. Narra Alla jsewwi!

**V. Ma jingħalaqx bieb li ma jinfetaħx ieħor. Ħadd ma għandu jmut wara ħadd.**

P. Qajla nista' nitma', uliedi kollha miżżewġa, ilkoll għandhom għal min jaħdmu. Jiena għaġiżt, ħadd ma jħares lejja iżjed.

**V. Iddejjaqx qalbek. Il-ħniena t'Alla kbira wisq, qatt ma tonqos lil ħadd.**

P. Mingħajru nista' mmur nara x'nagħmel.

**V. Fejn jiena nista', għidli, hawn jiena għalik.**

P. Alla jagħtik tant ġid kemm inti tixtieq lill-oħrajn.

**V. Ma nonqsokx għaliex jaħasra xbini hu u ħaj kien iġibni tajjeb**

ma nonqsokx għaliex jaħasra kienet xbinti, u kienet tħobbni wisq.

P. Intemm iżda u mar u ħalliena darba għala dejjem. Kien jiswa, kien jaf jaħseb għal ruħu. Ħallieli ħasra kbira. Aħna ma tantx aħna għonja, 'ma kulħadd jaf li ħadd ma ħabbat il-bieb u mar b'xejn, aw flus, aw ħobż. Mur issa għidli nagħmel bħalu. Is-salarju naqas. Mnejn inġib issa l-flus biex nagħti? Dak li hu għamel sab, u jiena għax xejn ma għamilt xejn ma nsib. Ħsibt għal erba' ċraret, la nista' nilbishom, u la nista' nagħtihom. L-aħjar li nagħmel inbigħhom.

**V. Kollox jgħaddi. Ħadd ma ġie u qagħad magħna, u hekda jiġri lilna aw illum aw għada. Xejn tbigħ. Żomm kollox. Il-mara qatt ma hi għaġuża ħlief meta tmut. Tista' meta trid tidher żagħżugħa meta trid.**

P. Temminnix li kien isemmik f'ħajtu?

**V. Għala le? Ingħarafna minn żogħorna. Ma tiftakarax li kont f'għorskom?**

P. Tfakkarnix f'daka ż-żmien. Ili miegħu miżżewġa ħamsa u għoxrin sena dejjem mingħajr għali, iżda x'inhu? Iż-żmien għadda bħal ħolma, donni ma żżewwiġtx, donni qatt ma kelli raġel. Qatt ma ħqarni. Jiena kont xi drabi ninkih, u hu qatt ma jitkellem. Xi drabi jagħmlu ħażin ir-rġiel iżiegħlu bina, għax imbagħad nieħdu r-riħ fuqhom. Issa qiegħed nagħli u ma jiswieli. Issa nibkih, u xejn ma jroddli. Għandi surtu quddiem għajnejja. Mardu f'moħħi għaliex qatt ma karab, u la qatt riedni nishru. 'Ma qatt ma ħallejtu aw bid-dieher aw bil-moħbi. Miet bħal għasfur, u la stkerr, u la krieh. Alla jagħtih il-mistrieħ, u lilna l-għomor biex notolbu 'l Alla għalih.

**V. Jiena sejra. Inħallilek il-għomor.**

P. Lilek ukoll, xbint, Alla jwasslek bis-sliema.